MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 38/2004

Kawza fil-lista: 26

**A B**
**vs**
**D sive E B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-attur izzewweg lill-konvenuta nhar it-12 ta' Mejju 1991 (Dok A).

U peress illi miz-zwieg ta' bejn il-kontendenti twieldu zewgt itfal li jisimhom F u G u li t-tnejn ghadhom minuri (Dok B u Dok C);

U peress li l-hajja mizzewga bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti tal-konvenuta u l-hajja flimkien bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli ghaliex iz-zwieg tkisser irrimedjabilment.

U peress li l-attur ghamel dak kollu possibbli biex isalva z-zwieg izda kien kollu ghalxejn.

U peress li l-partijiet ottjenew l-awtorizzazzjoni tal-Qorti Civili Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja gja Sekond' Awla tal-Qorti Civili (Dok D) sabiex jghaddu ghas-separazzjoni personali.

Tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ta' l-attur mill-konvenuta.

2. Takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri F u G lill-attur, jew il-kustodja kongunta skont l-istess tal-minuri lill-attur.

3. Tordna lill-konvenuta tohrog sehemha ghall-manteniment tat-tfal peress illi hija tahdem.

4. Tordna l-likwidazzjoni u l-qasma tal-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti skont kif din il-Qorti jidhrilha xieraq.

5. Tapplika l-artikoli 48 u 52 tal-Kodici Civili kontra l-konvenuta.

6. Taghti dawk il-provvedimenti l-ohra kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta eccepiet:

1. Illi hija ma toggezzjonax ghall-ewwel talba ta’ l-attur.

2. Illi mhux minnu illi l-eccipjenti rrendiet ruhha hatja versu l-attur ta’ adulterju, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi, izda kien fil-fatt l-attur stess li rrenda ruhu hati ta’ adulterju u mohqrija fil-konfront ta’ l-eccipjent.

3. Illi ghar-rigward tat-tieni talba l-eccipjenti topponi ghaliha u umilment tissottometti illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri jekk il-kura u l-kustodja taghhom jigu fdati f’ idejn l-eccipjenti.

4. Illi fir-rigward tat-tielet talba attrici l-eccipjenti umilment tissottometti illi prezentement hija hi li qed terfa’ l-parti l-kbira mir-responsabbilta’ tal-manteniment ghal uliedha bl-ghajnuna tal-familja taghha u umilment tissottometti li huwa l-konvenut li jrid jibqa’ jerfa’ r-responsabbiltajiet tieghu ta’ missier u ta’ ragel mizzewweg u jikkontribwixxi realistikament ghall-manteniment ghall-uliedu u ta’ martu l-eccipjenti u dan ukoll minhabba li l-istess attur huwa kapaci jahdem.

5. Illi ghar-rigward tar-raba’ talba l-eccipjenti ma topponix.

6. Illi topponi ghal hames talba attrici u dan minhabba li hija qatt ma rrendiet ruhha hatja ta’ agir li jimmerita l-applikazzjoni ta’ dawn iz-zewg artikoli fil-konfront taghha u umilment tissottometti li dawn l-Artikoli ghandha jigu applikati kontra l-istess attur.

7. Illi ma topponix ghas-sitt talba attrici.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku l-AIC Mario Cassar;[1]

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Joseph Sammut;

---

[1] Vol.1 – fols.119 *et seq.*

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, l-affidavits u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali minn ma' martu l-konvenuta, stante li l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet m'ghadhiex aktar possibbli tort tal-konvenuta ghar ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16, u ghax iz-zwieg tkisser irrevokabbilment;  kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Min-naha taghha l-konvenuta, filwaqt li tichad dak attribwit lilha, tattribwixxi l-htija tal-firda lill-attur ghall-istess ragunijiet kontemplati fl-artikoli precitati.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-12 ta' Mejju 1991, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt-it tfal, F u G, li twieldu rispettivament fis-19 Lulju 1992 u fit-28 Gunju 1994.  F' Awissu 2003 l-attur telaq mid-dar konjugali, filwaqt li l-konvenuta baqghet tghix fid-dar maz-zewg ulied minuri.  Illum l-attur ghandu relazzjoni extra-matrimonjali stabbli ma' mara ohra.

*Verzjoni Attur*

L-attur jghid li, wara ftit taz-zmien miz-zwieg, il-konvenuta bdiet tkun aggressiva verbalment fil-konfront tieghu. Kienet tghajjat ghal kull haga ta' xejn u ssabbat, tant li f'okkazzjonijiet minnhom huwa kien jibza' minnha. Hija qatt ma wriet interess fih bhala zewgha.

Kienet minn rajha harget tahdem barra mid-dar, u "bl-ebda mod ma riedet issajjar, tahsel il-hwejjeg u l-art u t-tindif l-iehor tad-dar.

Jghid li huwa kien sar jaf lil certu T K, mara separatra; u meta telaq mid-dar, huwa dahal f' relazzjoni maghha. Hija kienet tghinu, kemm finanzjarjament kif ukoll tiehu hsieb l-affarijiet tad-dar. Jghid li huwa qatt ma kien intimu ma' din il-mara qabel is-separazzjoni de facto, izda wara, beda relazzjoni extra-matrimonjali maghha, tant li kienu johorgu flimkien, u anke siefru flimkien. "Din tghix mieghi on and off. Gieghli torqod ghandi"[2] L-istess T K tikkonferma li hi u l-attur jikkoabitaw, u tiddeskrivi r-relazzjoni taghha ma' l-attur bhala wahda ta' "companionship".[3]

Jghid li martu kellha relazzjoni ta' hbiberija ma persuni ndentifikati minnu.

*Verzjoni Konvenuta*

Illi l-konvenuta tispjega li l-problemi fiz-zwieg bdew fil-bidu tas-sena 2000 "minhabba li l-attur beda jinqata' ghalih wahdu. Beda johrog wahdu minghajr ma nkunu nafu fejn mar. Nhar ta' Hadd beda jinhasel filghodu, johrog u jirritorna tard bil-lejl. Minghajr raguni ta 'xejn f' Ottubru 2001 beda jahsel il-hwejjeg hu, u f' Marzu 2002 beda ma jiekolx mid-dar. F' Novembru 2002 qabad u beda jorqod fis-salott, minghajr spjegazzjoni ta' xejn."[4] F' Awissu 2003 huwa telaq mid-dar. Tghid li meta hi kienet issaqsih x' kienet il-problema huwa ma kienx jirrispondiha.

Tghid li fit-13 ta' Settembru 2003 "rajt lil T Dimech [illum K] diehla fil-flat fejn kien mar joqghod ir-ragel tieghi. Hija fethet bic-cavetta tal-post."

Tghid: "Jien nichad bl-aktar mod kategoriku li jiena kelli relazzjoni ma xi hadd iehor kif allega l-attur. Inhossni nsulentata b' din l-allegazzjoni." Tichad l-allegazzjonijiet tal-attur li hi ma kienitx taghmel ix-xoghol tad-dar, jew li kienet abbanundat lil zewgha sesswalment.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

Illi din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi fir-rigward, hija tal-fehema li taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija

[2] Vol.2 – fol.374
[3] Vol.3 – fol.379
[4] Vol.3 – fols.525

mill-konvenuta, filwaqt li tqis il-verzjoni tal-attur bhala wahda daghjfa, mhux sostnuta minn provi sufficjenti, u tikkostitwixxi tentattiv fjakk da parti tieghu biex jghatti t-tort tieghu ghat-tifrik ta’ dan iz-zwieg.

Il-Qorti tosserva li, filwaqt li ma rrizultax li l-konvenuta kienet naqset mid-dmirijiet taghha bhala mara mizzewwga, irrizulta provat li sa miz-zmien tal-konvivenza l-attur kien dahal f’ relazzjoni ta’ hbiberija specjali, u fil-fehema tal-Qorti fuq bazi ta’ probabbilita’ anke f’relazzjoni adultera, ma’ certu T K, mara separata, li ftit wara li l-konvenut telaq mid-dar konjugali, u abbanduna lil martu u lil uliedu, huwa beda jghix maghha fi stat ta’ konkubinagg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li c-cirkostanzi f’ dan il-kaz iwasslu ghall-konkluzzjoni cara li z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment unikament tort ta’ l-attur ghar-raguni kontemplata fl-artikolu 38 tal-Kap.16.

Inoltre, it-tentattiv fjakk da parti tieghu li jipprova jitfa’ dell ikrah fuq martu u fuq ir-reputazzjoni taghha, billi jallega l-adulterju da parti taghha, jikkostitwixxi, in mankanza ta’ provi sufficjenti, offiza gravi fil-konfront ta’ martu da parti tieghu fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-kap.16.

Il-htija ta’ l-attur ghas-separazzjoni tattira ex lege fil-konfront tieghu s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap.16

**Kura u Kustodja**

Illi dan il-kap illum ghandu relevanza biss ghat-tifla G li ghandha 17-il sena, filwaqt li t-tifel F illum huwa maggjorenni.

Illi, tenut kont li t-tfal tal-partijiet dejjem baghu jghixu m’ommhom li baqghet tiehu hsiebhom nonostante l-inkwiet matrimonjali li kienet ghaddejja minnu, u tenut kont tal-fatt li t-tifla llum ghandha eta’ li tippermettilha tiehu decizjonijiet maturi rigward certu aspetti tal-hajja taghha; il-Qorti tordna li l-kura u kustodja ta’ din il-minuri tkun fdata

lill-konvenuta, filwaqt li l-missier ikollu access ghat-tifla bi ftehim mal-istess minuri.

**Manteniment**

Illi l-attur, bhala l-parti unikament hatja tas-separazzjoni, huwa obbligat jhallas manteniment lill-konvenuta sakemm din tkun fi stat li tippercepixxi ntrojtu adegwat ghall-ghajxien taghha. L-obbligu tieghu jirrizulta wkoll ex lege, u ghalhekk huwa fil-kompetenza ta' din il-Qorti li, anke fin-nuqqas ta' talba esplicita da parti tal-konvenuta, tipprovdi ghall-manteniment adegwat ghalilha.

Il-Qorti tosserva li ma tikkunsidrax bhala veritiera l-allegazzjoni tal-attur li hu ma jistax jahdem, u ma jahdimx.

Illi rigward il-quantum tal-manteniment dovut lill-konvenuta ghaliha u ghat-tifla minuri, il-Qorti, tenut kont tal-mezzi tal-partijiet, u l-kapacita' taghhom li jiggeneraw introjtu, tenut kont tal-fatt li fiz-zmien is-separazzjoni l-konvenuta tkecciet mill-impieg taghha tort tal-attur, tenut kont tal-fatt li tul il-proceduri l-konvenuta hadet hsieb lit-tfal minuri fuq manteniment baxx hafna, u tenut kont tal-fatt li fil-prezent il-konvenuta qeda ssegwi kors universitarju full-time fil-business studies sabiex ittejjeb il-pozizzjoni taghha li ssib xoghol ahjar meta tiggradwa, tordna li l-attur jhallas lill-konvenuta s-somma globali ta' €19,800 [ekwivalenti ghal LM8,500] bhala manteniment ghaliha ghal dawn l-erba' snin li gejjin; wara li jiskadi dan il-perijodu ta' erba' snin, il-manteniment dovut lill-konvenuta ghaliha jieqaf peress li din tkun fil-pozizzjoni li ssib xoghol u tippercepixxi ntrojtu adegwat; izda l-Qorti tafferma d-dritt tal-konvenuta li, anke gheluq dawn l-erba' snin, jekk ghar-ragunijiet mhux fil-kontroll taghha, il-konvenuta, involontarjament, tisfa' bla mezzi adegwati ghall-ghejxien taghha, hija titlob, minghand l-attur bhala l-parti unikament hatja ghas-separazzjoni, li tinghata manteniment f'ammont li jigi komputat *rebus sic stantibus* mill-Qorti f' gudizzju separat.

Inoltre, l-attur qed jigi ordnat li jghaddi lill-istess martu bhala manteniment ghat-tifla minuri s-somma ta' €165 sakemm din tghalaq it-tmintax-il sena.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

*Immobbli*

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti taghmel referenza ghall-vertenza sollevata mill-partijiet rigwardanti l-valur ta' l-immobbli formanti parti mill-kommunjoni ta' l-akkwisti, li hi fis-sens li, filwaqt li l-konvenuta ssostni li l-Qorti ghandha taccetta l-valuri kif indikati mill-istess attur fin-nota tieghu, l-attur, min-naha tieghu, jsostni li l-Qorti ghandha timxi fuq il-valuri kif moghtija mill-espert tekniku nkarigat minnha appozitament.

Il-fatti li taw l-lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti.

Fin-nota guramentata tieghu l-attur, inter alia, elenka proprjeta' immobbli u ndika l-valuri rispettivi taghhom.[5]; izda fit-8 Marzu 2006 huwa prezenta rikors fejn talab in-nomina ta' perit arkitett sabiex jaghmel stima tal-fondi minnu elenkati u stmati.[6] Fl-udjenza tas-27 ta' Gunju 2006[7] il-konvenuta ddikjarat: "Ghal kull buon fini l-konvenuta tramite d-difensur taghha tiddikjara li taqbel mal-valuri tal-immobbli kif indikati fin-nota ta' l-attur." Sussegwentement, u fl-istess udjenza "l-attur jiddikjara li l-valuri ndikati fin-nota tieghu mhumiex realistici". F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ddegretat seduta stante billi laqghat it-talba ta' l-attur u "nnominat a spejjez tieghu lil Perit Mario Cassar biex jaghmel stima tal-immobbli kif ukoll tal-benefikati li allegatament saru fid-dar matrimonjali, u jaghmel pjan ta' qasma."

Illi l-vertenza hija limitata biss ghall-valuri u mhux ghall-konsistenza tal-benefikati valutati.

Illi din il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li parti f' kawza hija marbuta ma' dak li tipproponi u jigi accettat mill-parti l-ohra, izda fejn jidhlu valuri, dan il-principju jippermetti ghall-eccezzjonijiet bhal fil-kaz prezenti; u dan, stante li, f' materja ta' valuri s-sitwazzjoni tista' tkun fluwida. Hekk, per ezempju, hafna drabi l-partijiet stess jirrikonoxxu tibdil fil-valuri fil-mori tal-kawza, ghax mal-

[5] Vol.1 – fols.24 et seq.
[6] Vol.1 – fol.109
[7] Vol.1 – fol.116

moghdija taz-zmien il-valur tal-oggett jista' jghola jew jinzel.

Ghalhekk din il-Qorti, ikkunsidrat bhala legalment valida, anke anke b' sens ta' gustizzja, t-talba ta' l-attur sabiex issir valutazzjoni minn espert tal-Qorti, sentejn wara l-prezentata tan-nota tieghu. Inoltre, jigi osservat li r-rikors [8 Marzu 2006] ghan-nomina ta' perit sar qabel mal-konvenuta ddikjarat li hi taqbel mal-valuri ndikati fin-nota tieghu fl-udjenza tas-27 Gunju 2006. In fine jinghad, li huwa principju accettat li l-Qorti ghandha taccetta l-valuri l-aktar vicin taz-zmien tal-likwidazzjoni.

Ghalhekk din il-Qorti, kuntrarjament ghal dak konkluz mill-perit legali, ser taccetta l-valuri ndikati mill-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu, bhala l-bazi tal-komputazzjoni ghall-fini tal-likwidazzjoni.

*Konsistenza*
Illi l-kommunjoni ta' l-akkwisti tikkonsisti fis-segwenti assi:
[1] Garage stmat fl-ammont ta' €174,703 [ ekwivalenti ghal LM75,000];
[2] Appartament, stmat fl-ammont ta' €116,469 [ekwivalenti ghal LM50,000];
[3] Kreditu tal-kommunjoni kontra l-attur, rapprezentanti valur tal-benefikati[8] li saru fid-dar matrimonjali proprjeta' parafernali tieghu, fl-ammont ta' €18,652.50 [ekwivalenti ghal LM8,007.50];
[4] Mobbli ezistenti fid-dar konjugali;
[5] Vetturi;
[6] Investiment fil-National West Bank;
[7] Zewg life policies fuq isem il-partijiet separatament;
[7] Ishma fil-kumpanija MTC;
[8] 1000 Rci Shares;

Mhux kontestat li d-dar matrimonjali, , flimkien mal-garage sottostanti, hija proprjeta' parafernali ta' l-attur; filwaqt li mhux kontestat li l-konvenuta ghandha bicca art fil-Mosta ftit 'il boghod minn Street, proprjeta' parafernali taghha.

---
[8] Vol.1 – Dok.MC1

*Assenjazzjoni [Immobbli/Kreditu]*
Illi fir-rigward tal-qasma ta' dawn il-fondi, il-perit tekniku rrakkomanda zewg pjani ta' qasma, markati A u B, u halla ghall-partijiet, jew ghall-Qorti, li tiddentifika l-pjan li ghandu jigi addottat f' dan il-kaz.

Fin-nota tieghu l-attur jghid li jippreferi l-pjan indikat bl-ittra A, filwaqt li l-konvenuta tghid li hi m' ghandhiex interess fil-fond tax-Xemxija,stante li t-tfal ma jridux jmorru joqghodu hemmhekk. Tenut kont ta' dan, il-Qorti ser taddotta l-pjan markat bl-ittra B.

Ghalhekk qed: tassenja lill-attur sehem il-konvenuta mill-appartament f' 'Daniela Court', Triq il-Hagra l-Wieqfa, Xemxija, San Paul il-Bahar, b' mod li dan jigi jappartjeni lilu fl-intier tieghu; u fl-istess waqt tassenja lill-konvenuta sehem-l attur mill-Garage fi Triq il-Htajriet, Mosta, b' mod li dan jigi jappartjeni lill-konvenuta fl-intier tieghu; u ghalhekk il-konvenuta thallas lill-attur in linea ta' ekwiparazzjoni l-ammont ta' €19,790.90 [ekwivalenti ghal LM8,496.25] kif indikat mill-perit tekniku.[9]

F'termini matematici, l-attur ghandhu jaghti lill-konvenuta s-somma ta' €58,234 [ekwivalenti ghal LM25,000] sehemha mill-appartament tax-xemxija, u €9,326.20 [ekwivalenti ghal LM4,003.75] sehemha tal-benefikati – b' kollox €67,560.60 [ekwivalenti ghal LM29,003.75]; filwaqt li l-konvenuta ghandha taghti lill-attur is-somma €87,352 [ekwivalenti ghal LM37,500] sehemha mill-garage Triq il-Htajriet, Mosta, u s-somma ta' €19,790.90 [ekwivalenti ghal LM8,496.25] bhala ekwiparazzjoni, salv ghal dak li nghad fuq dwar is-somma dovuta lill-konvenuta bhala manteniment ghaliha ghaz-zmien ta' erba' snin.

In fine tordna li kopja tar-rapport tal-perit tekniku tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali minnu [Appendici A – fols.119 sa 128]

*Mobbli -Vetturi*

[9] Fol.124

Illi stante li, fir-rigward tal-mobbli u anke fir-rigward tal-vetturi, il-konvenuta taqbel mal-valuri ndikati mill-attur fin-nota guramentata tieghu fil-pagna tlieta [3] ta' l-istess, il-Qorti ser taddotta dawn il-valuri u qed tannetti kopja ta' din il-pagna mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici – B].

Tordna li l-mobbli kollha, salv ghall-appliances u utensils tal-kcina li huma parafernali tal-konvenuta, ghandhom jigu mibjugha fl-ammont kif indikat fl-imsemmija nota, u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Rigward il-vetturi, tordna li l-attur jibqa' jzomm il-Mercedes, filwaqt li l-konvenuta tibqa' zzomm l-Isuzu, b' dan li l-attur huwa ordnat li jghati lill-konvenuta s-somma ta' €5,823.43 bhala ekwiparazzjoni;  filwaqt li l-vetturi l-ohra, l-ghodda u lis-spare parts, jigu mibjugha lill-terzi u, <u>wara</u> li mir-rikavat jithallas id-dejn li talvolta hemm fuqhom, ir-rikavat jinqasam ugwalement bejn il-partijiet.

*National West Bank*
Il-bilanc fil-kont ma' dan il-Bank ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

*Poloz ta' l-Assikurazzjoni fuq il-Hajja*
Illi kull parti ghandha zzomm l-polza li hija ntestata fuq isimha.

*Ishma 1000 RC Shares*
Fin-nota tieghu l-attur isemmi dawn l-ishma li jghid li jirreferu ghal "timeshare" tas-Serena Hotel gewwa Ghawdex". F' kaz li dawn ghadhom jezistu, kull parti tigi assenjata 500 ishma minn dan l-investiment.

*Krediti  parafernali*
Illi l-Qorti taccetta bhala verosimili l-pretenzjoni tal-konvenuta li hi ghandha kreditu kontra l-kommunjoni fl-ammont ta' €3,028 rapprezentanti dejn li kellha taghmel tul il-proceduri biex tilhhaq ma' l-ispejjez tal-edukazzjoni tat-tfal tal-partijiet.  Tenut kont tal-manteniment baxx li kien ihallas l-attur f' dan ir-rigward, il-Qorti qed taccetta dan il-kreditu bhala dovut, u ghalhekk, tordna li l-attur

ihallas nofs l-imsemmi ammont rapprezentanti sehemu mill-kommunjoni ta' l-akkwisti.

Inoltre, tordna li l-attur ihallas lill-konvenuta l-ammonti ta' €13,840.10 [ekwivalenti ghal LM5,941.57] u €1,111 [ekwivalenti ghal LM477] rapprezentanti spejjez u pagamenti tal-loan li hi kienet ghamlet qabel iz-zwieg fuq il-proprjeta' parafernali ta' l-attur.

In fine, filwaqt li a skans ta' ekwivoku tiddikjara li l-bilanc tad-dejn mal-HSBC fuq il-proprjeta' parafernali ta' l-attur ghandu jithallas mill-attur, tordna wkoll li kull dejn iehor kuntrattat mill-partijiet ad insaputa tal-parti l-ohra jibqa' dovut mill-parti li tkun ikkuntrattatu.

*Ishma MTC Co-op Ltd.*
Illi man-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu, u ghalhekk wara l-gheluq tal-istadju tal-provi, l-attur prezenta skrittura privata dwar likwidazzjoni ta' ishma, datata 20 Jannar 2006, iffirmata mic-Chairman tal-kumpanija u mill-istess attur, u li ghaliha l-konvenuta ma kienitx parti. Min-naha taghha l-konvenuta, fin-nota risponsiva taghha, qed tikkontesta l-fatt hemm allegat li hija kienet qabblet li tithallas l-ammont rizultat ta' din il-likwidazzjoni; u qed tikkontestata din it-transazzjoni.

Ghalhekk, fic-cirkostanzi l-Qorti ser tipprovdi billi, filwaqt li tiddikjara li l-ishma ta' l-attur f' din il-kumpanija jifformaw parti mill-kommunjoni ta' l-akkwisti, qed tirrizerva l-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut lill-konvenuta f'dan ir-rigward, ghal gudizzju separat, minghajr pregudizzju ghad-dritt tal-konvenuta li fi proceduri appoziti taghmel il-kontestazzjonijiet taghha fir-rigward.

*Kumpens – Negozju*
Illi fir-rigward, ghalkemm mill-provi jirrizulta li, anke wara li ghamel l-operazzjonijiet, l-attur baqa' jiggestixxi n-negozju, ma jirrizultawx fatti bizzejjed sabiex il-Qorti, tikkumputa, anke fuq bazi arbitrio boni viri, l-introjtu tieghu.

Ghalhekk it-talba tal-konvenuta ghall-komputazzjoni ta' kumpens f' dan ir-rigward qed tigi rizervata ghal gudizzju

separat; minghajr pregudizzju ghad-dritt tal-konvenuta li tipprocedu bi proceduri separati fir-rigward.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, izda bi htija ta' l-attur;

[2] tichad it-tieni talba, u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri G tigi fdata f' idejn il-konvenuta bid-dritt ta' access favur l-attur, konkordat mal-minuri, kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja';

[3] tichad it-tielet talba, u tordna li l-attur ihallas manteniment ghall-konvenuta u ghat-tifla minuri kif fuq stabbilit u ndikat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';

[4] tilqa' ir-raba' talba fis-sens li xxolji l-kommunjoni ta' l-akkwisti, tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kommunjoni ta' l-Akkwisti';

[5] tichad il-hames talba; izda tordna l-applikazzjoni fl-intier tieghu tad-dispost ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16 fil-konfront ta' l-istess attur[10];

Spejjez kollha a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[10] Artikoli.45 u 52